MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 344/2012

**SS Lifts Limited C12793**

**vs**

**Joseph George Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Ottubru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef, disa' mija u disgha u hamsin ewro (€7,959) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghall-bejgh u installazzjoni ta' lift.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2012 u tal-Mandat ta' Qbid kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph George Micallef li giet ipprezentata fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara:

*"Illi l-ammont dovut huwa inqas minn dak indikat fir-rikors u inoltre l-esponent ghandu ftehim mal-attrici sabiex il-hlas isir ratealment sa Gunju 2013 u l-bilanc li jifdal f'daqqa."*

**Raymond Sant** xehed fil-25 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *managing director* tas-socjeta' attrici. Huwa esebixxa *statements of account* relatati mal-kont li s-socjeta' attrici ghandha mal-konvenut Joseph George Micallef li gew immarkati bhala Dok CSH. Ix-xhud spjega li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, erba' mija u tmenin ewro (€7,480) skond kif jidher f'Dokument CSH. Huwa spjega li fil-fatt is-somma originali dovuta minn Joseph George Micallef kienet fl-ammont ta' sebat elef, disa' mija u disgha u hamsin ewro (€7,959) pero' huwa ghamel xi pagamenti u ghalhekk illum il-gurnata l-ammont dovut huwa ta' sebat elef, erba' mija u tmenin ewro (€7,480). Ix-xhud kien insista mieghu sabiex ihallas il-pagament kollu dovut pero' l-konvenut kien qalilhom li hu seta' jhallas biss mitt ewro fix-xahar. Naturalment accettaw il-pagament li huwa ghamel stante pero' sostna li huma qatt ma accettaw li jhallas b'dak il-mod. Huwa ddikjara li dan l-ammont jirraprezenta installazzjoni ta' lift li saret fil-propjeta' tal-intimat Joseph George Micallef.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici SS Lifts Limited li giet prezentata fil-25 ta' Frar 2013 li permezz taghha naqset t-talba ghal sebat elef, erba' mija u tmenin ewro (€7,480) u dan stante li saru xi pagamenti fil-mori kif konfermat minn Raymond Sant fil-25 ta' Frar 2013.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ulterjuri tas-socjeta' attrici SS Lifts Limited li giet ipprezentata fid-19 ta' Gunju 2013 li permezz taghha regghet naqset is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur u permezz tal-istess iddikjarat illi l-bilanc restanti llum huwa ta' sebat elef, mija u disgha u sebghin ewro (€7,179).

Semghet lill-konvenut Joseph George Micallef jixhed fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013 u jghid illi huwa jaqbel illi ghandu jhallas is-somma mitluba fir-rikors promotur kif ridotta permezz tan-nota tas-socjeta' attrici tad-19 ta' Gunju 2013.

Il-konvenut xehed illi hu ghandu problemi finanzjarji u ma jistax ihallas dan l-ammont f'pagament wiehed izda kien lest li jaghmel pagamenti mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u hamsin ewro (€450).

Semghet lil Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici jghid fl-istess seduta illi huwa kien lest li jaccetta li l-Qorti taghti sentenza fis-sens illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas il-bilanc dovut f'rati mensili u konsekuttivi purche' li jigi kkundannat ihallas ukoll l-ispejjez tal-kawza bl-imghaxijiet.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont imsemmi fin-nota ta' riduzzjoni ulterjuri tas-socjeta' attrici huwa gust u jimmerita illi jigi kkonfermat.

**Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ridotta ta' sebat elef, mija u disgha u sebghin ewro (€7,179) f'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) b'dan illi l-ewwel pagament ghandu jsir sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2013.**

**Il-Qorti tordna illi f'kaz li l-konvenut ikun moruz imqar f'pagament wiehed, il-bilanc restanti jkun dovut kollu f'daqqa.**

**Il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2012 u tal-Mandat ta' Qbid intavolat kontra l-konvenut u tiddikjara li l-interessi fuq is-somma deciza llum jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------